

3) Il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jipprekludux il-fatt li Stat Membru jaapplika korrezzjonijiet finanzjarji irregolati minn att normattiv intern li daħal fis-seħħ wara li twettaq allegat ksur tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi, sakemm dan jirrigwarda l-applikazzjoni ta' regoli ġodda għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet maħluqa taħt il-leġiżlazzjoni preċedenti, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinvju li tivverifika, filwaqt li jitqiesu c-ċirkostanzi kollha rilevanti fil-kawża prinċipali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 292, 1.9.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-24 ta' Mejju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Klagenævnet for Udbud - id-Danimarka – MT Højgaard A/S, Züblin A/S vs Banedanmark**

(Kawża C-396/14)<sup>(1)</sup>

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 267 TFUE — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kwalità ta' qorti jew tribunal tal-korp tar-rinvju — Kuntratt pubbliku fis-settur tal-infrastruttura ferrovjarja — Proċedura nnegozjata — Direttiva 2004/17/KE — Artikolu 10 — Artikolu 51(3) — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti — Grupp kompost minn żewġ kumpanniji u li ġie ammess bħala offerent — Offera ppreżentata minn waħda miż-żewġ kumpanniji, f'isimha stess, filwaqt li l-kumpannija l-oħra għiet iddikjarata falluta — Kumpannija meqjusa idonea sabiex tiġi ammessa, waħedha, bħala offerent — Għoti tal-kuntratt lil din il-kumpannija)

(2016/C 260/03)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

**Qorti tar-rinvju**

Klagenævnet for Udbud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: MT Højgaard A/S, Züblin A/S

Konvenuta: Banedanmark

**Dispożittiv**

Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattamenti tal-operaturi ekonomiċi, li jinsab fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li tikkordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-energijs, t-trasport u postali, moqri slimkien mal-Artikolu 51 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li entità kontraenti ma tiksirx dan il-prinċipju meta hija tawtorizza wieħed miż-żewġ operaturi ekonomiċi li kienu jagħmlu parti minn grupp ta' impriżi li, bħala tali, kien mistieden jissottommetti offerti minn din l-entità, sabiex jissostitwixxi ruħu għal dan il-grupp wara x-xoljiment tiegħu u sabiex jipparteċipa, fismu stess, fi proċedura nnegozjata għall-ġoti ta' kuntratt pubbliku, sakemm ikun stabbilit, minn naħħa, li dan l-operatur ekonomiku jissodisa waħdu r-rekwiżiti ddefiniti mill-imsemmija entità u, min-naħħa l-oħra, li l-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tiegħi fl-imsemmija proċedura ma twassalx għal deteriorazzjoni tas-sitwazzjoni kompetittiva tal-offerenti l-oħrajn.

<sup>(1)</sup> ĠU C 388, 3.11.2014.